**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 6/2018 RM**

**L-Inginier Carmel Cuschieri ezercenti l-professjoni bhala**
**'Camilleri and Cuschieri Consulting Engineers'**

**-vs-**

**Falbra Limited (C12474) u Roderick Bartoli**
**flimkien u in solidum bejniethom**

**Illum, 24 ta' Settembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mill-attur fir-Registru tal-Qorti nhar is-16 ta' Jannar 2018 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuh in solidum bejniethom, l-ammont ta' hamest elef, tlett mija u tmienja u disghin Euro u sittin centezmu (€5,398.60) dovuta lilu bhala drittijiet professjonali forniti lilhom mill-attur fuq inkarigu taghhom u dan kif jidher mill-fattura numru 1081623 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok A) u mill-kuntratt datat 14 ta' Settembru, 2015 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok B).

Bl-imghax mill-15 ta' Dicembru 2016 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra datata 22 ta' Novembru, 2017, u salv kull dritt iehor spettanti lill-istanti.

Rat ir-Risposta[1] ipprezentata fis-6 ta' Marzu 2018 mill-konvenuti Falbra Limited u Roderick Bartoli, li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:-

1. *'Illi preliminarjament, dina l-Onorabbli Qorti, mhux kompetenti ratione valoris sabiex tisma' l-odjerna vertenza stante li l-istess taqa' taht il-gurisdizzjoni u kompetenza esklussiva tat-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar;*

2. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti Roderick Bartoli, jeccepixxi illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur;*

3. *Illi in linea preliminari u ukoll, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jeccepixxu illi r-rikorrenti ghandu jgib il-prova li l-partnership 'Camilleri and Cushieri Consulting Engineers' hija effettivament partnership registrata mal-Awtorita Maltija ghas-Servizzi Finanzjarji (MFSA).*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, il-konvenuti jirrespingu l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti hekk kif dedotti fil-konfront taghhom bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-ebda ammont mhu dovut lir-rikorrenti u kif sejjer jirrizulta waqt is-smiegh ta' din il-kawza, u dana stante li kien l-istess rikorrent li naqas milli jottempra ruhu mal-obbligi li accetta li jaghmel u wkoll dak li provdew kien hazin u ma jikkorrispondiex ghal dak li kienu gew mitluba jaghmlu;*

5. *Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju l-ammont reklamat huwa eccessiv ghalhekk ghandu jigi ppruvat skond il-Ligi;*

6. *Illi dejjem minghajr pregudizju ghas-suespost, is-socjeta' esponenti teccepixxi illi minhabba dan in-nuqqas da parti tar-rikorrenti kellhom jidhlu f'ispejjez ulterjuri sabiex jingaggaw konsulenti ohrajn u anke*

[1] Fol. 11 - 12

*kkagunalhom dewmien fix-xogholijiet mehtiega li kkawzalhom danni u li minn issa qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprocedu kontra taghhom;*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' ordni ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat illi permezz ta' digriet moghti fis-7 ta' Marzu 2018, giet ordnata l-inverzjoni tal-provi minhabba l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemghu quddiem il-Qorti diversament preseduta u rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiziti fl-atti;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt l-udjenza tat-23 ta' Jannar 2020 limitatament ghall-ewwel u t-tiei eccezzjoni sollevati mill-konvenuti;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum sabiex tinghata sentenza dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti;

Ikkunsidrat;

Din hija sentenza li qed tinghata dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti fir-Risposta taghhom u talanqas kwantu l-ewwel eccezzjoni, din tehtieg li tigi sorvolata u deciza qabel is-smigh tal-kawza tista' tissokta fuq il-mertu.

L-attur, li jipprattika l-professjoni ta' inginier taht l-isem Camilleri and Cuschieri Consulting Enginieers, jitlob il-hlas ta' drittijiet professjonali li huwa ppresta lill-konvenuti.

Il-konvenuti laqghu ghal din l-azzjoni b'eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti *rationae valoris*, kif ukoll b'eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' legittimita` passiva tal-konvenut Roderick Bartolo f'din l-azzjoni.

**L-Ewwel Eccezzjoni – Inkompetenza *rationae valoris***

Bl-ewwel eccezzjoni taghhom, il-konvenuti jikkontendu li din il-Qorti m'hijiex kompetenti *rationae valoris* sabiex tiehu konjizzjoni tal-azzjoni odjerna ghaliex din taqa' taht il-gurisdizzjoni u kompetenza esklussiva tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

L-Artikolu 748 tal-Kapitolu 12 jipprovdi illi meta t-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata, il-valur tal-oggett hu determinat mit-talba. Fir-Rikors promotur, l-attur jitlob il-hlas tas-somma ta' €5,398.60, liema skont kif jirrizulta mill-fattura annessa mal-istess Rikors hija komposta mill-prezz tad-drittijiet professjoniali pju` taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-istess drittijiet.

Il-konvenut jeccepixxu illi din l-valur tat-talba taqa' fil-parametri tal-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Din l-eccezzjoni hija ghalhekk ibbazata fuq l-Artikolu 3 tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar) li jipprovdi illi:-

*(2) Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000):*

*Iżda fil-kalkolu tas-somma msemmija f'dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-istess talba.*

*...*

*(3)(ċ) Jekk it-talba tkun għal kapitali u mgħaxijiet, il-valur jiġi determinat mis-somom kapitali kollha flimkien li jkunu qed jiġu mitlubin, u t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni dwar dik it-talba minkejja li s-somom tal-kapital u tal-imgħaxijiet mitlubin ikunu flimkien iġibu iżjed minn ħamest elef euro (€5,000).*

L-Artikolu 47 tal-Kap. 12 imbaghad jipprovdi illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti tal-ewwel grad, apparti l-kawzi l-ohra kollha li l-ligi thalli espressament ghaliha, ghandha l-gurisdizzjoni li:-

***47****(1) ... tisma' u tiddeċidi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' ħmistax-il elf euro (€15,000), kontra persuni li joqogħdu, jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja, f'parti tal-Gżira ta' Malta.*

Izda l-Artikolu 56A tal-istess Kap. 12 jeskludi espressament mill-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati:-

***56A.*** *.... xi talba li taqa' fil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar imwaqqaf taħt l-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar.*

Ghaldaqstant, hu minnufih ovvju li t-talba tal-attur fir-Rikors promotur ghall-hlas tas-somma determinata ta' €5,398.60 tezawtora l-parametri tal-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza fl-ismijiet **Pauline Mizzi mart Joseph Mizzi u l-istess Joseph Mizzi vs Concetta Key**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar, 2001, intqal:-

"*Illi dwar id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu (artikolu 748), is-sentenza* **Frankie Refalo vs Jason Azzopardi et**, *deciza fis-7 ta' Ottubru 1997 ritenut li bhala regola "il-kompetenza tal-Qorti hija determinat fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet moghtija, mit-termini tal-azzjoni attrici. Huwa l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u il-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha".*

*Illi ma' dan pero' irid jigi kkunsidrat fl-ambitu tal-Artikolu 753(2) li jiddisponi li "meta it-talba hija maghmula biex issostni jew tattakka obbligazzjoni, il-valur jigi determinat mis-somma kollha tal-obbligazzjoni*".

Hekk fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Zammit vs Joseph Ellul nomine**[2]**,** gie deciz illi:-

"*Il-kompetenza ma tiddependix bil-fors u unikament mit-talba tal-attur imma tista' tiddependi ukoll, fejn ikun il-kaz, mill-eccezzjoni tal-konvenut (Vol. XXXVII.II.454). Jista' jigri infatti illi ghalkemm l-azzjoni inizjalment kienet ta' kompetenza tal-Qorti Inferjuri (billi it-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata entro il-kompetenza taghha) din tigi ezawtorata "ope exceptionis" bl-impunjazzjoni ta' l-obbligazzjoni principali (Vol. XXXVII C.I.512).*

*Dan jista' jigri billi il-Qorti tigi necessarjament moghtija u bhala parti mill-process biex tiggudika it-talba quddiemha li tikkonsidra u tiddeciedi obbligazzjoni bejn il-kontendenti li teccedi il-komptenza taghha. Dan ifisser illi f'kazijiet simili il-kompetenza tal-Qorti hija finalment determinata mill-indoli tal-obbligazzjoni in relazzjoni mal-obbligat*".

Madanakollu, fil-kaz in dizamina, jirrizulta li mhux biss it-talba tal-attur ghall-hlas taqa' *prima facie* fil-parametri tal-kompetenza ta' din il-Qorti ghaliex kif gia` nghad, teccedi l-limiti tal-gurisdizzjoni tat-Tribunal imwaqqaf bl-Att V tal-1995[3], izda jirrizulta ma hemm xejn fl-eccezzjonijiet li huwa mahsub biex jimpunja l-obbligazzjoni shiha kuntrattata bejn il-partijiet.

Waqt it-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-konvenuti sottomettiet li l-kontestazzjoni tal-konvenuti hija bbazata fuq l-allegazzjoni illi l-konvenuti

[2] 31 ta' Lulju 1996, Appell Inferjuri.
[3] Kap. 348.

kienu diga` hallsu s-somma ta' €2,655 mill-ammont shih pretiz mill-attur u konsegwentement, il-bilanc li huwa effettivament dovut huwa inqas mil-limitu minimu tal-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

Il-konvenut Roderick Bartoli xehed hekk fir-rigward[4]:-

*"Rigward l-ammont mitlub mill-attur fir-rikors promotur nghid illi fl-email li giet mibghuta lilna l-ammont huwa differenti ghaliex hemm indikat 4290 li meta tnaqqas l-ammont li ahna ga hallasna ta' 2655, l-ammont ghandu jkun hafna inqas mill-ammont mitlub fir-rikors promotur."*

Il-Qorti rat l-atti, fosthom l-iskambju ta' korrispondenza u dokumenti ohrajn esebiti fl-atti[5] u fehmet illi l-konvenuti qeghdin jikkontendu illi filwaqt illi skont il-fattura tal-15 ta' Dicembru 2016, l-ammont pretiz mill-attur huwa ta' €5,398.50, fi skambju sussegwenti ta' korrispondenza[6] l-ammont li kien mitlub mill-atturi bhala drittijiet professjonali, skont il-persentagg maqbul, kien fis-somma ta' €4,290. Isostnu wkoll illi huma kienu diga` hallsu lill-attur is-somma ta' €2,655 skont il-fattura Dok. CSH (fol. 20 sa 22) u illi konsegwentement, il-valur tal-bilanc tad-drittijiet dovuti lill-attur, galadarba huwa ferm inqas mis-somma ta' €5,000, ma jaqax fil-parametri tal-kompetenza ta' din il-Qorti.

Fil-fehma tal-Qorti din il-linja difensjonali m'hijiex tajba. Huwa manifest illi dan l-argoment tal-konvenuti jolqot il-mertu tal-azzjoni u s-siwi o meno tieghu jista' jigi stabbilit biss wara evalwazzjoni fil-mertu. Jekk il-konvenuti dehrilhom li l-ammont mitlub mill-attur fir-Rikors promotur, huwa wiehed eccessiv ghaliex effettivament intalab il-hlas ta' somma li teccedi dak li huma jemmnu li huwa effettivament dovut, xejn ma josta li tigi mressqa eccezzjoni *ad hoc* mahsub biex jigi kontestat il-*quantum* tad-drittijiet pretizi mill-attur. Izda certament, galadarba t-talba tal-attur fir-Rikors promotur hija ghal somma

[4] 10 ta' April 2018.
[5] Fol. 25 *et seq.*
[6] 7 ta' April 2017, fol. 31.

determinata li tinkwadra fil-parametri tal-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati kif imfisser fl-Artikolu 47 tal-Kap. 12 ghaliex teccedi l-limitu tal-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar a tenur tal-Artikolu 3 tal-Kap. 348, l-eccezzjoni tal-inkompetenza taghha *rationae valoris* ma tistax treggi. Kif gia` inghad, il-kompetenza *rationae valoris* tal-Qorti tigi determinata mill-valur tat-talba u mhux mill-eccezzjonjiet hlief fil-kazijiet gia` accennati.

Kemm hu hekk, jinghad illi anke f'kaz illi kellu jirrizulta eventwalment mill-provi akkwiziti jew minn riduzzjoni sussegwenti tal-ammont pretiz, illi l-valur tal-hlas rejalment dovut ma kienx jissupera l-gurisdizzjoni ta' qorti jew tribunal inferjuri, dan ma jissottrax ghall-gurisdizzjoni originali tal-Qorti li quddiemha tressqet it-talba originali ghall-hlas[7]. Effettivament, jinsab ritenut illi galadarba l-Qorti kienet kompetenti biex tiehu konjizzjoni tat-talba kif originarjament ifformulata, xorta wahda tibqa' kompetenti sabiex tisma' t-talba kif ifformulata, irrispettivament mid-determinazzjoni finali tal-ammont dovut, u dan abbazi tal-principju *in eo quod plus est et minus continetur*.

Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi michuda.

## It-Tieni Eccezzjoni

Il-konvenut jeccepixxu wkoll b'mod preliminari, illi l-konvenut Roderick Bartoli mhux il-legittimu kontradittur tat-talba attrici.

Galadarba, kif inhuwa risaput, l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' legittimazzjoni passiva necessarjament tistrieh fuq il-karenza ta' kull xorta ta' relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut li jeccepixxi li m'huwiex il-legittimu kontradittur, l-ezistenza tal-legittimazzjoni passiva ghandha tigi stabbilita b'referenza biss ghall-formulazzjoni tad-domanda attrici kif dedotta in gudizzju, u ghar-rapport bejn il-konvenut u l-fattispecje tal-*causa pretendi* tal-azzjoni

[7] **Simone Gauci vs Sunta Azzopardi** – Appell Inf., deciz 13 ta' Settembru 2007.

proposta mill-attur. Dan minghajr ma jsir accertament fil-mertu u minghajr ghalhekk, tigi takkolta jew respinta d-domanda attrici. Il-korollarju ta' dan huwa illi l-Qorti, f'dan l-istadju tal-procediment, ghandha tillimita ruhha biex tistabbilixxi jekk il-konvenut Roderick Bartoli jistax ikun is-soggett ta' pronunzjament gudizzjarju fil-parametri tad-domanda attrici, minghajr ma tiddetermina l-mertu tal-kontroversja.

Biex taghmel dan il-Qorti, abbazi tal-provi prodotti s'issa fl-atti b'rabta ma' din it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, trid tiddetermina jekk jezistix rapport guridiku bejn l-attur u l-konvenut Roderick Bartoli, ghaliex biex tintlaqa' din l-eccezzjoni jrid necessarjament jintwera illi l-konvenut ma ghandu ebda rabta guridika kwalsiasi mal-attur.

Ikkunsidrat;

Gie sottomess min-naha konvenuta illi l-azzjoni kellha tigi indirizzata fil-konfront ta' Falbra Limited biss, ghaliex ghalkemm il-ftehim bejn il-partijiet gie ffirmat minn Roderick Bartoli biss, minghajr indikazzjoni li huwa kien qed jagixxi f'kapacita` rapprezentattiva, in-negozjati li saru mal-attur, saru mill-imsemmi konvenut fl-interess tas-socjeta` Falbra Limited. Il-konvenuti jissottomettu ulterjorment illi wara li l-ewwel fattura inharget f'isem il-konvenut Roderick Bartoli, l-attur gie mgharraf biex jerga' johrog il-fattura f'isem is-socjeta` Falbra Limited u konsegwentement, fil-gabra tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kellu jkun ovvju li l-konvenut Roderick Bartoli innegozja u kkuntratta mal-attur mhux f'ismu proprju izda in rapprezentanza tas-socjeta` Falbra Limited. Fir-rigward, il-konvenut Roderick Bartoli xehed[8] illi huwa impjegat mas-socjeta` konvenuta Falbra Limited bhala *projects manager* u illi kienet f'din il-kapacita` li huwa ffirma l-kuntratt biex l-attur jigi ingaggat bhala inginier ghas-socjeta` konvenuta.

[8] 10 ta' April 2018.

Min-naha tieghu l-attur isostni li huwa qatt ma gie mgharraf matul in-negozjati li damu sejrin diversi xhur, illi l-konvenut Bartoli kien qed jagixxi ghan-nom ta' terzi. Fix-xhieda tieghu l-attur spjega illi huwa dejjem innegozja u kkomunika ma' Roderick Bartoli u kien biss meta baghtlu l-ewwel *invoice*[9], wara li gie ffirmat il-ftehim u ferm wara kienu bdew ix-xogholijiet, illi fegg l-involviment tas-socjeta` Falbra Limited. L-attur xehed illi l-ewwel *invoice* li nhareg fis-6 ta' Lulju 2016, inhareg f'isem Roderick Bartoli[10] izda sussegwentement l-ufficju tieghu gie mgharraf li l-*invoice* kellu jinbidel u jerga' jinhareg f'isem Falbra Limited. Din kienet l-ewwel darba li huwa sema' bl-isem Falbra Limited u ghalkemm l-*invoice* rega' inhareg fuq Falbra Limited, in-numru tal-*invoice* u d-data ma nbidlux minhabba ragunijiet ta' *accounts*. Dan l-*invoice* thallas fid-9 ta' Dicembru, 2016. Skont l-attur, ma sar ebda accenn ghal din l-allegata kapacita` rapprezentattiva ta' Roderick Bartoli fil-ftehim konkluz bejn il-partijiet, liema ftehim gie ffirmat minn Roderick Bartoli minghajr ebda indikazzjoni kwalsiasi li kien qed jikkuntratta ghan-nom ta' xi kumpannija[11].

Ikkunsidrat;

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et**[12] deciza fil-5 ta' Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell, fejn gie ritenut illi:-

"*Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess*

[9] Dok. CC, 6 ta' Lulju 2016.
[10] Dok. CC, fol 92.
[11] Dok. B, fol. 3 *et seq*. "*Signed in agreement, Mr. Roderick Bartoli.*"
[12] Cit. Nru. 1365/92AJM

*konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li ttalbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et** deciza fit-28 ta' Settembru 2016, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:

"*Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza:-*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited** deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell: "In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika."*

Imbaghad, fil-kawża fl-ismijiet **Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et**[13], deciza fit-3 ta' Ottubru 2008, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili spjegat illi: "*Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport.*"

Wara li rat l-atti, il-Qorti fehmet illi meta l-konvenut Roderick Bartoli ffirma personalment il-ftehim li bih l-attur gie ingaggat jipprovdi servizzi professjonali

[13] Prim Awla tal-Qorti Civili Cit. Nru. 1236/07GV

ta' inginerija, **minghajr ebda indikazzjoni kwalasiasi li huwa seta' kien qed jagixxi ghan-nom jew fl-interess ta' terzi persuni, tant illi l-ewwel fattura ghall-hlas tas-servizzi professjonali inharget direttament f'ismu personali**, inholoq rapport innegabbli bejn l-attur u l-konvenut Roderick Bartoli.

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Acma-Inox and Metal Limited vs George Cauchi et**[14], il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk in propositu:-

*"Illi hija regola ewlenija fid-dritt dwar l-effett tal-obbligazzjonijiet, li wieħed jitqies li wiegħed jew ftiehem għalih innifsu32, sakemm il-kuntrarju ma jkunx stabilit espressament mil-liġi, jew mill-partijiet infushom, jew jekk il-ftehim innifsu jgħid mod ieħor. Minbarra dan, fi ftehim magħmul minn persuna f'isimha, hija dik il-persuna li tintrabat jew tobbliga ruħha, sakemm ma jintweriex li l-parti l-oħra kienet taf li fil-fatt dik il-persuna kienet qiegħda tinnegozja f'isem ħaddieħor. Fil-każ ta' kitba li tkun saret dwar il-bejgħ jew fornitura ta' servizz f'isem persuna partikolari, ma jistax jingħad li din kienet xi obbligazzjoni li tkun saret għall-benefiċċju ta' terza persuna, u għalhekk jidher li japplika l-prinċipju li l-ftehim għandu effett bejn dawk li kkuntrattawh biss u ma jistax ikun ta' ġid jew ta' ħsara għal ħaddieħor. Iżda din hija preżunzjoni juris tantum li jfisser li, bi provi tajbin imressqa li juru mod ieħor, f'ċerti ċirkostanzi dak li jidher li ftiehem għalih innifsu jkun, fil-fatt, ftiehem f'isem persuna oħra."*[15]

Huwa assodat ukoll in materjali li l-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor, jinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni u jekk jingiebu provi fir-rigward, dawn ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz[16].

Ikkunsidrat;

[14] Deciza 22 ta' Marzu 2017.

[15] Gie ritenut ukoll mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs Mark Grima** deciza fit-30 ta' April 1992:- "*Illi hija haga minn lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor*."[15]

[16] Troplong: *Mandato*, citata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203.

Fil-kaz odjern, il-Qorti wara li rat l-atti, ma hijiex konvinta mill-gabra tal-provi akkwiziti s'issa fl-atti l-attur seta' ragjonevolment jaf li l-konvenut Roderick Bartoli kien qed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-Qorti tqis illi r-rapport li nholoq bejn l-attur u l-konvenut Roderick Bartoli meta dan tal-ahhar innegozja u kkonkluda f'ismu proprju il-ftehim ghall-prestazzjoni tas-servizzi professjonali tal-attur, minghajr ebda indikazzjoni li kien qed jagixxi bi prokura jew fl-interess ta' terzi, kif gia` kkunsidrat, huwa bizzejjed biex isawwar relazzjoni guridika bejn iz-zewg partijiet, irrispettivament minn kull kwistjoni ohra marbuta intrinsikalment mal-mertu tal-azzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma illi galadarba l-provi li tressqu dwar din l-eccezzjoni juru illi l-konvenut Roderick Bartoli ta x'jifhem fl-istadju tal-kontrattazzjoni u anke sussegwentement, illi kien qed jikkuntratta mal-attur ghalih innifsu, dan l-agir tieghu jimmerita li jigi mistharreg ghall-finijiet tar-responsabbilita` eventwali tal-hlas tal-ammont reklamat mill-attur fir-Rikors promotur.

Il-fatt wahdu li l-konvenut kien, sussegwentement ghall-hrug tal-ewwel fattura, talab sabiex l-*invoices* jinhargu f'isem is-socjeta` Falbra Limited minflok f'ismu, u effettivament il-fattura regghet inhareg f'isem ukoll tas-socjeta` konvenuta, ma jnaqqas xejn mill-fatt illi evidentement, il-konvenut Roderick Bartoli kellu parti materjali fin-negozju li holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni propost mill-attur.

Hawnhekk japplika l-insenjament tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Joseph Chetcuti nomine vs Peter Paul Camilleri** deciza fl-4 ta' Dicembru 1988 fejn inghad li:-

"*F'dan ir-rigward hija gusta l-osservazzjonijiet tas-socjeta appellata illi l-gurisprudenza hija stabbilita fis-sens illi meta wiehed jikkuntratta f'ismu personali ma jistax sussegwentement isostni li kien bhala fatt qed jikkontratta f'isem haddiehor jew f'isem xi entita giuridika separata.*"

Il-Qorti hija tal-fehma illi galadarba fil-kaz dizamina huwa stabbilit dan in-ness, jikkonsegwi illi l-istess konvenut gie mharrek korrettement u ghalhekk l-atturi ghandu dritt jindirizza t-talba tieghu ghall-hlas anke fil-konfront tal-istess konvenut. Il-konvenut huwa ghalhekk legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

Izda, dan stabbilit, jekk dan l-agir tal-konvenut huwiex, effettivament, bizzejjed biex hu jitqies bhala finalment responsabbli ghall-hlas mitlub mill-attur fir-Rikors promotur, hija kwistjoni ohra. Il-Qorti trid taghmilha cara illi d-dikjarazzjoni taghha li l-konvenut Roderick Bartoli huwa legittimu kontradittur tal-azzjoni attrici ma tfisser bl-ebda mod li l-Qorti ma tistax, fil-konsiderazzjoni taghha dwar l-eccezzjonijiet fil-mertu, tasal ghall-konkluzjoni li l-istess konvenut huwa estraneu ghall-obbligazzjoni invokata mill-attur fl-azzjoni odjerna. Ghalhekk, kull aspett relattiv ghall-mertu tal-pretensjoni attrici, kien u ghadu impregudikat biex jigi epurat fit-trattazzjoni tal-kawza, kif del resto ghadhom impregudikati l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenuti.

Ghaldaqstant, it-tieni eccezzjoni wkoll hi infondata u ser tigi respinta.

**DECIDE**

**Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuti u tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza fil-mertu, bl-ispejjez ta' dan l-episodju jigu sopportati mill-konvenuti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**